MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Numru 383/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur P Micallef Grimaud)**

**vs**

**Simon Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Simon Chetcuti ta’ 31 sena bin Anthony u Emilia nee’ Savona imwieled Pieta detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 377169.

Akkuzat:

Talli fid-29 ta’ April, 2001, ghal habta tat-3.00 am, gewwa Paceville, limiti ta’ San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna

hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Smith, u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Ikkunsidrat:
L-akkuza titratta ferita gravi allegatament sofferta minn certu Daniel Smith ad opera tal-imputat. Mill-provi in atti jirrizulta li din il-ferita tikkonsisti fi ksur tal-imnieher tal-imsemmi Daniel Smith li meta xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta stqarr posittivament li kien l-imputat li kkagunalu din il-ferita. Issa l-provi relattivament l-ksur tas-sett nasali juru wisq car li m'hemmx l-estremi li l-ferita tigi klassifikata bhala gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kap 9 u lanqas li setghet l-istess ferita ggib l-konsegwenzi ta' ferita gravi. Ghalhekk hu semmai l-kaz li l-imputat jista' jinstab hati li kkaguna ferita semplici. Izda anke` f'dan il-kuntest il-provi ma jaslux sa dak il-grad li din il-Qorti tista' serenament u b'konvinciment morali tghid li kien proprju l-imputat li ghandu jinzamm responsabbli.

Illi l-fatt konnessi ma' l-akkuza sehhew fl-istabiliment 'Havana' gewwa Paceville fejn kienet tinstab l-parti leza li jirrizulta li f'xi hin kien gie avvicinat u forzat johrog il-barra. Hu fatt li l-imputat kien xoghol dak il-lejl, ta' 'boucer', u kif ammess minnu stess, kien hu li ntervjena biex l-imputat jinhareg il-barra. Stqarr pero' l-imputat hu kemm gibdu 'l isfel u fl-ebda hin l-parti leza ma tilfet il-bilanc u waqghet. Issa, ghalkemm minn naha wahda, l-ksur fl-imnieher hu fatt accertat m'hemm xejn, mill-banda l-ohra, li jindika u jaghti kredenza li dan il-ksur irrizulta minn xi daqqa li ta l-imputat stante li ma jirrzultaw l-ebda perkossi fuq il-persuna tal-parti leza, ghajr dan il-ksur, per konsegwenza ta' diversi daqqiet li l-istess parti leza stqarr li rcieva minghand l-imputat. Fid-dubbju ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat.

Ghaldaqstant, u premess il-fuq espost, billi fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkuza ma gietx sodisfacjatament pruvata qeghdha tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------